# 62. Daħka ta' Frar

F'salt wieħed it-temp tjieb u ħareġ bnazzi
mill-isbaħ nett; ix-xemx raxxet bid-dija
il-ħlejjaq kullimkien, u kulħadd ħaseb
li reġa' s-sajf.

It-tfal neħħew l-ilbies u qabżu l-baħar;
il-bilbla telgħet fl-għoli biex issaffar;
u s-sinjorina ġol-qasrija żegħdet
bil-ward u l-weraq.

Iżda kif qabżu t-tfal donnhom ibbiesu;
il-bilbla sfat bla nifs u bilkemm niżlet;
u l-ward u l-weraq tal-qasrija taru
ma' l-ewwel riefnu.

Il-farewni mibruka ħdejn il-bejta
żarżru flimkien ma' Frar daħka ta' nkejja
kif il-punent telaq ilanġas bl-aħrax
beraq u xita.